SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-seba' laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru, 2015 fil-4.45 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| ***Sindku:*** | Is-Sur Noel Formosa |
| ***Viċi-Sindku:*** | Is-Sur Anthony Formosa |
| ***Kunsilliera:*** | Is-Sur Franco Buhagiar |
| | Is-Sinjorina Carmela Grima |
| | Is-Sur Joseph Michael Cauchi |

***L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ:*** Is-Sinjorina Reneè Formosa

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Is-Sinjura Josephine Sultana

## 1.0 Talba

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, is-Sur Noel Formosa u nbdiet b'talba.

## 2.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa

2.1 Il-Minuti tas-sitt laqgħa tal-Kunsill u tal-kontinwazzjoni tagħha ttieħdu bħala li nqraw peress li kienu mibgħuta minn qabel permezz ta' *e-mail*. Il-minuti taż-żewġ laqgħat ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

***Matters Arising mill-minuti ta' l-aħħar laqgħa:***

2.2 (2.2) Dwar l-*open skips*, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li tkellem mal-kuntrattur u ġie deċiż li joqgħod sakemm jimtela' sewwa l-*open skip.*

2.3 (2.4) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li l-abbozz tal-istatwa proposta mill-artist Joseph G. Scerri ġie mal-aħħar għaxra minn fost 34 proposta li saru. Issa minn dawn l-għaxra jridu jintagħżlu sitta. Bħala parti mill-aħħar għażla, ser ikun hemm votazzjoni mill-pubbliku in ġenerali. L-abbozzi kollha, f'Għawdex ser jiġu esebiti fil-Mużew tal-Ħaġar fi Pjazza San Ġorġ. Ser jinħareġ fuljett għar-residenti biex dawn jiġu mħeġġa biex jieħdu sehem fil-votazzjoni. Ser isir avviż ukoll fuq il-paġna ta' Facebook. L-isem li ngħata għal dan il-proġett huwa ta' Pre Virtwali.

2.4 (2.7) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qal li hemm bżonn li nkunu nafu eżattament minn ġej Colle Umberto sabiex inkunu nistgħu nibbukkjaw il-biljetti tal-ajru. Għalhekk ġie deċiż li fil-fuljett li jmiss nagħmlu l-aħħar avviż għal min irid jiġi u navżaw ukoll li min ibbukkja jiġi fl-uffiċċju amministratttiv tal-Kunsill biex iħallas €100 *deposit* u anke' jagħtina *photocopy* tal-passaport.

2.5 (3.1) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nnota li l-*line* tan-nofs tat-Triq tad-Dwejra, wara talba li kellna, saru minn Transport Malta.

Is-Sindku s-Sur Noel Formosa għarraf lill-membri preżenti li xogħol pendenti ta' *paching* fi Triq Wied Merill u Triq il-Wileġ sar minn naħa tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Sar ukoll *patching* fi Triq ir-Rokon peress li kien hemm inċident żgħir u għalhekk kien xogħol urġenti li għandu jsir.

2.6 Rigward il-manutenzjoni tal-ġnien Colle Umberto, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kellu laqgħa mal-Onorevoli Justyne Caruana, Segretarju Parlamentari, fejn talab lill-Onorevoli Caruana jekk hux possibbli li tgħin lill-Kunsill fil-manutenzjoni ta' dan il-ġnien. Hija talbet stima sabiex tara jekk hux possibbli li tgħin f'din il-manutenzjoni biex dan il-ġnien isir anke' aċċessibbli għal kulħadd. Il-Perit Mariella Xuereb ħejjiet stima li telgħet għal madwar €82,000. Din l-istima ntbagħtet lill-Onorevoli Caruana biex tista' tgħaddiha lill-Ministru tal-Finanzi għall-approvazzjoni.

L-Onorevoli Caruana minn naħa tagħha wriet ix-xewqa li taħdem mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz biex anke' jsir proġett pilota. Dan il-proġett hekk imsejjaħ *Dimentia Village* jikkonsisti billi jsiru tabelli u sinjali addattati għan-nies li għandhom id-dimensja. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem f'dan il-proġett pilota.

2.7 (6.1) Rigward l-ikla tal-anzjani ġie deċiż li l-anzjani li jattendu għal din l-ikla jħallsu €5 u l-€5 l-oħra titħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill se jieħu ħsieb li jħallas id-*drinks* ukoll. Bħalma kien miftiehem f'laqgħa preċedenti, l-ikel se jippreparawh il-grupp tal-folk u l-ikla ser issir fiċ-Ċentru Parrokkjali.

2.8 (8.5) Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-attivita' tas-suq fil-beraħ. Intqal li wara dak li ġara waqt ir-*recording* tal-programm 'Ricette all'Italiana' jridu jsiru arranġamenti aktar adegwati minħabba t-traffiku. Triq id-Duluri għandha tiġi *two way*, il-*buses* kollha li telgħin mid-Dwejra għandhom jgħaddu mill-Għarb, isiru tabelli *No Parking* tul Triq id-Duluri u jsiru minn ġurnata qabel, għandu jkun hemm pulizija jew gwardjan lokali biex jikkontrolla t-traffiku, jintbagħat avviż lir-residenti li joqgħodu fit-toroq li se jiġu affettwati u jsir avviż għal kullħadd fuq il-fuljett ta' kull xahar.

Rigward *stalls,* is-Sur Franco Buhagiar qal li għandna nġibu dawk li joffru tal-MTA. L-*stalls* għandhom ikunu armati l-aktar b'ħaxix u frott lokali, prodotti magħmulin lokalment bħal kappar, żebbuġ, ġbejniet, eċċ u anke' għandu jkun hemm snajja' tradizzjonali bħal bizzilla, newl u oħrajn.

Peress li bħalissa ma jkunx hemm frott u ħxejjex tal-istaġun, ġie deċiż li din l-attivita' tiġi posposta għal Mejju meta jkun hemm aktar prodotti tal-bdiewa x'wieħed jista' joffri. Sar suġġeriment biex jinġabu prodotti tipiċi ta' Amaseno biex ikunu jistgħu jinbiegħu f'waħda mill-*stalls.* Għandha ssir pubbliċita' tajba biex jattendu kemm jista' jkun nies għal dan is-suq.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 *E-mail* mingħand is-Sinjorina Annie Formosa fejn issuġġeriet li ssir aktar pubbliċita' għaċ-ċentru ta' informazzjoni tad-Dwejra peress li ħafna nies ma jafux bih. Is-Sur Noel Formosa ssuġġerixxa li ssir *press conference* f'dan iċ-ċentru u

jiġi nawgurat il-ktejjeb għat-turisti dwar ir-raħal ta' San Lawrenz. Għal din l-okkażjoni jiġi mistieden l-Onorevoli Ian Borġ sabiex jindirizza hu din il-konferenza stampa u jagħmel l-inawgurazzjoni tal-ktejjeb hu. Ġie ssuġġerit ukoll li għal din l-okkażjoni nistiednu lill-kapijiet ta' skejjel, Sindki, *tourists operators*, MTA etc ħalli kemm jista' nilħqu setturi differenti biex hekk in-nies issir taf b'dan iċ-ċentru. Huwa se jieħu ħsieb ukoll li jkellem lis-Sur Alvin Scicluna sabiex jagħmel *feature* fuq dan iċ-Ċentru fil-programm Għawdex Illum.

3.2 Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Kura Primarja tas-Saħħa fejn għarrfuna li għal din is-sena wkoll se joffru l-vaċċin kontra l-influwenza biex ikunu jistgħu jingħataw lil dawk li għandhom aktar minn 55 sena b'arranġamenti li jsiru mill-Kunsill Lokali. Se jinħareġ avviż sabiex ir-residenti jiġu jinkitbu. Imbagħad tinstab ners sabiex tieħu ħsieb li tagħti dawn il-labar lir-residenti. Għal din is-sena l-Kunsill mhux se joffri s-servizz ta' tabib bħalma kien isir fis-snin ta' qabel.

3.3 *E-mail* mingħand is-Sur George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, fejn qalilna li bħala parti mill-festi ta' Jum Għawdex ser issir attivita kommemorattiva ta' personalitajiet ġejjin minn lokalitajiet differenti u li għamlu ġieħ lil dik il-lokalita'. Għalhekk talab biex tiġi nominata persuna mil-lokalita' ta' San Lawrenz. Wara diskussjoni ġie deċiż li jinnomina lil Dun Salv Portelli bħala l-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa. Jekk il-persuna nominata trid tkun għada ħajja, il-Kunsill iddeċieda li ma jinnomina lil ħadd.

3.4 Rapport mill-kumpanija Green.mt ta' kemm inġabar skart riċiklabbli fit-tieni kwart ta' din is-sena.

3.5 Rapport ieħor mingħand il-kumpanija tal-*green wardens* fejn għarrfuna li meta qabbadna s-servizzi tagħhom minħabba l-iskart li kien qed jinħareġ kmieni, persuna waħda biss nqabbdet toħroġ l-iskart tagħha minn ġurnata qabel.

3.6 *Memo 25/2015* mid-Dipartimaent għall-Gvern Lokali fejn bagħtulna l-kriterji tal-*Green Public Procurement* sabiex nimxu magħhom meta jkun hemm bżonn.

3.7 *Memo* 26/2015 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar il-delega tal-infurzar lokali lill-aġenzija L.E.S.A.

3.8 *E-mail* mingħand is-Sur Andrew Warrington fejn talab in-*no objection* tal-Kunsill għall-*filming* fil-Qawra tad-Dwejra ta' tip ta' sport – *zip line across Inland sea.* Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni kemm-il darba jkollhom il-permessi kollha meħtieġa u kemm-il darba l-Kunsill ma jinżammx responsabbli għal xi ħaġa li tista' tmur ħażin.

## 4.0 *Tender* għall-ġbir tal-iskart goff

4.1 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi nforma lill-Kunsill li ma jistax ikompli jipprovdi s-servizz tal-Bulky Refuse minħabba mpenji oħra. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa rringrazzja f'isem il-Kunsill lis-Sur Cauchi tax-xogħol siewi li għamel.

Huwa qal li dan huwa xogħol impenjattiv u s-Sur Cauchi kien qed jagħmlu bla ħlas.

Wara diskussjoni mill-membri preżenti ġie deċiż li tinħareġ sejħa għall-offerti għal dawk li huma nteressati li jagħtu dan is-servizz.

## 5.0 Applikazzjoni għal Segretarju Eżekuttiv

5.1 Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv.

## 6.0 Tiżjin tal-Milied

6.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li issa li qed joqrob il-Milied tajjeb li kieku naħsbu għal xi tiżjin tal-Milied fit-toroq u fil-pjazza. Peress li diġa' jeżisti tiżjin, ġie deċiż li nikkuntattjaw lil Lorin Formosa sabiex jara x'hemm tajjeb minn dan it-tiżjin u jekk hemm xi ħsara li tista' tissewwa, tissewwa bl-inqas spejjeż possibbli u għal din is-sena narmaw b'dak li diġa hemm. 'Il Quddiem wieħed jista' jibda jaħseb biex jibda isir ftit armar ġdid kull sena.

## 7.0 *Dimentia Village*

7.1 Dan il-punt ġie diskuss fil-punti 2.6 ta' dawn il-minuti.

## 8.0 Materji Oħra

8.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kellmuh xi ġenituri minħabba l-ħinijiet tal-karozzi tal-linja. Kif qed ikunu bħalissa l-ħinijiet taż-żewġ rotot mhumiex addattati għal studenti li jridu jużaw it-trasport pubbliku biex immorru l-iskola. Għalhekk is-Sur Formosa għadda dan l-ilment lil Transport Malta.

8.2 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li r-*recording* li sar fil-Pjazza ta' San Lawrenz tal-programm li jippreżenta Davide Mengacci 'Ricette all'Italiana' mar tajjeb ħafna. L-unika diffikulta' li kien hemm kienet li r-rotot tal-karozzi tal-linji baqgħu għaddejjin avolja kienu avżati minn aktar minn ġimgħa qabel. Ġie deċiż li għall-attivitajiet simili Triq id-Duluri ssir *two way* u l-*buses* kollha jgħaddu mill-Għarb.

Permezz ta' dan il-programm ingħatat promozzjoni u *exposure* tajba ħafna kemm għal San Lawrenz u l-inħawi tal-madwar kif ukoll għal Għawdex. Is-Sur Noel Formosa bagħat ittra ta' ringrazzjament lil MTA fejn irringrazzjahom tal-

SAN LAWRENZ

opportunita' li dan il-programm ittella' mir-raħal ta' San Lawrenz u tal-għajnuna kollha li ngħatat minn naħa tal-awtorita' biex dan l-avveniment seta' kien possibbli.

8.3 Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar qal li hu flimkien mal-Viċi-Sindku s-Sur Anthony Formosa attendew għal-laqgħa ta' konsultazzjoni ta' qabel il-*budget* fejn iltaqgħu mal-Onorevoli Edward Scicluna, Ministru tal-Finanzi. Huma għamlulu stedina sabiex jagħmel żjara lill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz. L-Onorevoli Ministru wera li ħa pjaċir b'din l-istedina u għalhekk is-Sindku, is-Sur Noel Formosa se jieħu ħsieb li jistiednu formalment bħala Sindku.

8.4 Saret diskussjoni fuq Trejqet l-10 t'Awwissu. Ġie deċiż li jew issir tabella sabiex l-aċċess għal din it-triq ikun għar-residenti u għall-bdiewa biss jew issir *one-way*. Se nieħdu parir x'inhu l-aħjar li jsir mingħand Transport Malta.

8.5 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li dwar il-*bollards* tal-Pjazza hemm bżonn li ssir xi ħaġa peress li qed iżomm l-ilma man-naħa t'isfel tagħhom b'konsegwenza li imbagħad jista' jsirilhom il-ħsara. Se nkellmu lill-Perit Edward Scerri biex naraw x'jista' jsir.

8.6 Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar semma l-ħtieġa li jsir *parking* organizzat f'Daħlet il-Ġnien peress li bil-mod li qed isir il-*parking* qed ikun ta' nkonvenjent tar-residenti ta' dik it-trejqa. Se ngħaddu dan is-suġġeriment lil Transport Malta biex jiggwidawna kif jista' iseħħ dan.

8.7 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li reġa' tkellem mas-Sinjura Tereża Żammit dwar l-ilment li kellha. Ġie deċiż li se jsiru erba' *bollards* tas-siment quddiem il-bankina biex jiġi evitat kull periklu li xi vettura taħbat mar-residenza tagħha. Dan ix-xogħol se jagħmlu s-Sur Joe Grima.

8.8 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa semma' ż-żjara li saret mill-membri tal-Kunsill f'Amaseno. Huwa qal li marru tajjeb ħafna u kemm damu hemm ħadmu sabiex isir ġemellaġġ bejn iż-żewġ kommunitajiet.

8.9 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kellu proposta għall-proġett tal-Unjoni Ewropea tal-Erasmus bl-isem Greeen Event Manager. Dan jitratta li jinstabu 5 parteċipanti minn Malta li jingħaqdu ma' 5 parteċipanti minn Spanja u 5 mill-Italja u matul is-sena 2016 jwettqu dan il-proġett. Wara li saru kuntatti mal-*project manager* u ġie diskuss x'hemm bżonn isir, ġie deċiż li l-Kunsill ma jipparteċipax peress li ma hemmx żmien biżżejjed biex jinstabu persuni biex ikunu jistgħu jieħdu sehem f'dan il-proġett. Il-persuni riedu jkunu gradwati u li għadhom ma jaħdmux. Kien ftit diffiċli li jinstabu persuni għax s'issa fil-maġġoranza, min jispiċċa mill-Universita' jsib fejn jaħdem.

SAN LAWRENZ

## 9.0 Approvazzjoni ta' pagamenti

9.1 Il-Kunsill approva unaniment il-pagamenti annessi ma' dawn il-minuti. Il-pagamenti ma' nqrawx waqt il-laqgħa peress li kienu mibgħuta minn qabel lill-kunsilliera permezz ta' *e-mail.*

## 10.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 pm. Ġie deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru, 2015 fl-4.30 pm.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Josephine Sultana***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***